MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 290/2010

**Brian Mizzi**

**vs**

**Carm & Co Ltd (C 356862), Robert David Vella**
**u Cesare Ragazzi SpA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors pprezentat mill-attur Brian Mizzi nhar il-hdax (11) ta’ Awwissu 2010 fejn ippremetta:

*“Illi l-konvenuti kellhom jikkonsenjaw impjant tax-xahar lill-attur;*
*Illi l-prezz ta’ dan l-impjant kien ta’ tmint’elef, tmien mija, wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62);*
*Illi l-impjant tax-xahar li gie ordnat mill-konvenuti ma kienx skont l-arti u s-sengha rikjesti u dan gie ritornat lura lill-*

*konvenuti li obbligaw ruhhom illi jordnaw impjant tax-xahar iehor, u illi dan gara ghal tlett (3) darbiet ohra;*
*Illi dan l-agir tal-konvenuti u n-nuqqas ta' arti u sengha fix-xoghol taghhom ikkawza danni gravi u serji lill-attur, li minhabba din is-sitwazzjoni kellu anke jieqaf mix-xoghol tieghu bhala ghalliem u ghamel perjodu fuq medikazzjoni;*
*Illi ghalkemm interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata hamsa (5) ta' Mejju 2009, ghal hlas tad-danni fil-konfront tal-attur, l-konvenuti baqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba nuqqas ta' arti u sengha fix-xoghol taghhom;*
*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, inkluz l-ammont ta' tmient'elef, tmien mija, wiehed u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62), l-interessi li hu kellu jhallas fuq il-'loan' bankarju;*
*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati, flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni;*
*4. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata hamsa (5) ta' Mejju 2009, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-konvenuti Carm & Co Ltd u Robert David Vella ipprezentata nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2010 fejn eccepew:

*"Illi huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li la ghandhom u lanqas qatt kellhom, ebda rapport kontrattwali jew rapport guridiku iehor mal-attur, in konnessjoni mal-akkwist da parte tieghu tal-impjanti tax-xaghar meritu tar-Rikors, kif jirrizulta spjegat fl-annessi dokumenti A, B u C.*
*B'hekk l-azzjoni attrici in kwantu diretta kontra l-eccipjenti ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.*
*Jinghad li fl-indirizz fejn is socjeta konvenuta tezercita n-negozju taghha, gie notifikat ukoll ir-Rikors intiz ghas-socjeta' konvenuta Cesare Ragazzi SpA. Izda din is-*

*socjeta' hi socjeta' estera u ma ghandha ebda konnessjoni mal-indirizz fejn gie notifikat ir-Rikors intiz ghaliha.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat l-affidavit tal-**attur Brian Mizzi** ipprezentat minn Dr. Anna Mifsud Bonnici nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Settembru 2011 fejn iddikjara li f'Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) kien ra reklam fuq l-istazzjon nazzjonali dwar prodotti tax-xaghar tal-kumpanija Cesare Ragazzi irreklamati minn Woman 2000. Ghaldaqstant, ftit tal-gimghat wara kien ghamel appuntament ma' Mr. Robert Vella, minn Woman 2000, u direttur ta' Carm & Co. Ltd. Meta kien mar, staqsieh x'jista' jsir peress li kellu problema li xaghru beda jehfief u staqsieh dwar il-prodotti rreklamati msejha Tricosil. Mr. Vella rrispondieh li fil-kaz tieghu l-unika soluzzjoni hija t-trattament ta' CNC (Capelli Naturali a Contatto) ta' Cesare Ragazzi, u spjegalu li din hija s-sistema fejn it-trapjant ta' xaghar veru jigi mwahhal permanentament mar-ras u m'hemmx cans li jinqala'. Vella qallu wkoll li din mhux parrokka u m'hemm l-ebda paragun ma' parrokka. Tenna li hu wkoll kellu l-istess problema, u li dan it-trapjant kien ihallih jaghmel kull tip ta' sport, inkluz ghawm, b'hekk l-attur hassu iktar komdu.

Staqsieh dwar l-effett estetiku, u dan wiegbu li mhux se jkun hemm problema, tant li meta ghamilha hu, lanqas tal-familja ma ndunaw. Urieh xi ritratti ta' nies li ghamluha. Staqsieh ukoll jekk kienx hemm xi 'side effects' u Mr. Vella wiegbu fin-negattiv. Pero' qallu li kull sitt gimghat kellu jmur ghall-imsejjah 'controllo' biex jizgura li kollox sew. Rigward garanzija, Mr. Vella qallu li jiddependi minn kemm l-attur jibza' ghaliha, pero' zied jghid li jekk jigri xi haga huma jaghmlu tlett (3) impjanti ohra biex meta jigri xi haga jkun hemm ohra lesta.

Mr. Vella qallu l-impjant jiehu madwar sitta (6) sa (9) xhur sabiex jitlesta. L-attur qallu li minhabba x-xoghol tieghu bhala ghalliem ma setghax jaghmlu meta jrid, ghalhekk xtaq li jistenna sal-vaganzi tal-Milied jew tas-Sajf. Vella zgurah li seta' jirrangalu billi jghidilhom li kien

ser jizzewweg ghall-Milied, biex b'hekk ilestuhielu skont id-data miftiehma. Qallu wkoll li dan it-trattament jipprovduh huma fis-salon 2000 flimkien ma' ta' Cesare Ragazzi.

Sar appuntament iehor fil-Woman 2000 fil-Hamrun ghat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2005, biex l-attur ikellem rapprezentant ta' Cesare Ragazzi, Mr. Roberto Fronte. L-attur mar ghall-appuntament u Fronte ccekkjalu xaghru u qallu li c-CNC jghodd ghalih u s-somma mitluba kienet ta' tlett elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm3,800) ekwivalenti ghal tmint'elef tmien mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62). L-attur wera li din kienet somma kbira hafna ghalih, u huma assigurawh li huma kienu professjonali hafna u li x-xaghar kien ta' veru u li kienu ser jaghmlu bicca xoghol impekkabbli, ghaldaqstant kienet tehtieg dak l-ammont ta' flus. L-attur ha self mill-bank biex ikopri l-ispejjez li talbuh kif muri fid-Dokument BM1. Dakinhar fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2005, Mizzi ffirma kuntratt fl-ufficcju ta' Mr. Robert Vella fil-Woman 2000 b'depositu ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,5000) illum ekwivalenti ghal tlett elef, erbgha mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) b'Robert Vella prezenti. Ma tax kas pero' li Mr. Fronte kiteb li kienu qeghdin Catania mentri fil-fatt kienu qed jiffirmawh Malta. Il-kuntratt ghaldaqstant gie ffirmat sitt xhur qabel ma hu seta' jara l-prodott finali.

Infurmawh li kellhom jiehdu l-'calcolo' (forma) ta' rasu biex jahdmu l-impjant u baghtuh ghand id-dermatologista Dr. Gatt biex jaghmillu il-'patch test'. Dan ikun test biex jaraw jekk il-gilda taghmilx reazzjoni jew le mal-kimika li juzaw biex iwahhlu l-impjant mar-ras. L-attur mar il-Woman 2000 ghall-calcolo fejn Ms. Vanessa Costa ksietlu rasu bi 'stretch and seal' u ghamlet forma tal-gibs. Gie pengut bil-kulur il-kobor tal-impjant u ttiehed 'sample' u ritratt tax-xaghar. Iddikjara li qatt ma gie muri impjant lest. Dan kollu sar minghajr hu ma seta jara xejn, la qisien u lanqas x'inhu jsir minhabba li kienu ghalqu bi 'sliding door' mera li kienet ezatt quddiemu. Sadanittant, Vanessa Costa u Roberto Fronte talbuh jaghzel xi stil ta' xaghar ried minn fuq magazine tal-'hairdressing'. Qatt ma

staqsewh jew tawh ‘sample’ tal-kulur jew tal-infoltitura u lanqas kemm kien gej kbir l-impjant. Dan dejjem fil-prezenza ta’ Robert Vella fil-Woman 2000.

Wara sitt (6) xhur jistenna, infurmawh li kien wasal l-impjant, u fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru 2005 kien mar flimkien ma’ ohtu Doreen Berry il-Woman 2000 biex iwahhlulu l-impjant. Robert Vella u Roberto Fronte dahhluh go kamra fejn ghalqu l-mirja kollha u hargu l-impjant. Qalulu li ma kienux ser iqaxxrulu xaghru minn quddiem biex iwahhluh ghaliex qalu li xorta kien ser jehel tajjeb. L-impjant jigi b’xaghar twil hafna li mbaghad jaqtghuh skont il-preferenza tal-klijent. Dakinhar giet Ms. Vanessa Costa u bdiet twahhal l-apparat ma’ ras l-attur b’certu tip ta’ kolla. Kien hemm prezenti Robert Vella u wara giet il-mara tieghu, Carmen Vella. Din Carmen Vella, f’okkazjonijiet ohra wahhlet l-impjant hi u drabi ohra impjegati tal-Woman 2000.

Wara, qatghet ix-xaghar fuq l-istil li kien uriha u fl-ahhar fethu l-mera biex jara r-rizultat. Carmen Vella u Vanessa Costa qalulu li jekk ikun irid jaqta’ iktar seta’ jmur ghandhom ghax il-Woman 2000 joffru dan is-servizz ukoll. Qabel ma telaq xtara l-prodotti taghhom li kellu juza fosthom ‘shampoo’, ‘conditioner’ u ‘spray’. Dakinhar kien hallas il-kumplament tas-somma b’cheque, jigifiieri elfejn u erba’ mitt Liri Maltin (lm2,400) ekwivalenti ghal hames t’elef, hames mija u disghin Ewro u hamsin centezmu (€5,590.50). Ricevuta qatt ma tawh ghax qalu li huma m’humiex obbligati jhallsu VAT hawn Malta peress li huma Taljani.

Skont il-ftehim, Mizzi kellu jerga’ jmur sitt (6) gimghat wara fil-Woman 2000, mandankollu, l-impjant beda jinqala’ mit-truf b’tali mod li jidher ix-xaghar ta’ taht, ftit granet biss wara. Barra minn hekk, meta beda jahsel rasu, beda’ jingabar kwantita’ ta’ ilma bejn l-impjant u r-ras tant li jibqa’ jqattar sa anke sieghat wara. L-attur ma setax jorqod bil-lejl ukoll ghaliex beda jhoss l-iskumdita’ tal-impjant, peress li kienet qisha beritta ippressata ma’ rasu. Innota wkoll li l-qurriegha li huma jsejhula ‘punto rosetta’, kien aktar ‘il fuq milli ghandu u ghalhekk kienet tidher

estetikament falza u mhux naturali, tant li anke qala’ xi kummenti minghand nies li jafuh. Il-kulur gie aktar skur ukoll tant li bdew isaqsuh jekk zebghax xaghru.

Sfortunatament l-impjant gie bi kwantita’ kbira ta’ xaghar li l-attur iddiskriva bhala li lanqas tifel ta’ hmistax (15)-il sena ma jkollu. Haga ohra kienet il-forma (bombatura); din kienet minfuha min-naha tal-qurriegha bis-sensazzjoni li qisu kellu xi haga mhix solida ma’ rasu u meta jmissha tinzel l’ isfel.

Meta cempel il-Woman 2000, Carmen Vella qaltlu li dak m’hu xejn u setghu facilment jirrangawlu kollox. Ghaldaqstant Brian mar ftit jiem wara u qalulu kollox u ghamlulu ‘tape’ max-xifer kollu. Dwar il-‘punto rosetta’ (qurriegha) Carmen Vella u Robert Vella qalulu biex inizzel l-impjant l’ isfel min-naha ta’ wara, izda dan ma setghax isir minhabba li kien ser jinkixef quddiem. Minkejja li ghamlu dan, l-attur uriehom li ma kienx kuntent ghaliex beda jhossu zghir wisq. Ghaddiet gimgha u rega’ inqala’ kollox u kellu l-istess problema tal-ilma. Rega’ cempel lil Carmen Vella biex jaghmel appuntament iehor, fejn hemmhekk l-impjegati ghamlulu aktar ‘tape’ u qaxxrulu xaghru minn quddiem ghax hasbu li dik kienet il-problema, izda l-istorja baqghet sejra hekk ghal gimghat shah tant li beda jmur il-Woman 2000 kull gimgha. Meta l-impjant beda jinqala’ huwa ma kienx jista’ johrog ghax kien jidher ix-xaghar ta’ taht. Spjega lil Mr. Vella li ma setax jibqa’ sejjer hekk, u huwa wiegbu li kien ser ikellem lil Mr. Fronte biex jaraw x’jistghu jaghmlu. Kull darba li kien qed imur, Carmen Vella kienet titolbu jhallas talli jirrangawlu l-impjant, izda hu kien jirrifjuta li jaghti aktar flus ghaliex argumenta li l-izball ma kienx tieghu u li missu kellu prodott ahjar.

Xi xahar wara, f’Jannar tal-elfejn u sitta (2006) Roberto Fronte gie lura fil-Woman 2000 minn Catania u qallu li kien ser isolvilu l-problema billi jaqlaghlu l-impjant u jibghatu ghal modifikazzjoni, izda kellu jistenna mill-inqas tlett (3) xhur. Sadanittant l-attur inghata impjant iehor izda dan kien tah l-istess problema bhall-ewwel wiehed. Tenna li minhabba dan, waqa’ f’dipressjoni u kellu jibda’ jmur

ghand il-psikologista, Mariella Blackman u dan qed jigi muri f'dokument immarkat bhala BM 2. Hija rreferietu ghand il-psikjatra Dr. Peter Muscat u tah kura bl-isem ta' Seroxat biex jipprova jeghleb id-dipressjoni, murija wkoll fuq id-dokument imsemmi. Qal li f'dan il-perjodu, id-dipressjoni li qabditu ma kinitx thallih johrog, u safrattant inghalaq gewwa ghal madwar tlett (3) xhur. Problema ohra li tfaccat kienet li l-kulur tax-xaghar minn kannella skur beda jigi hamrani, u dan ikkonfermah il-'hairdresser' tieghu, Mr. Christopher Aguis.

Beda jittama li jekk jistenna ftit, il-problema kienet ser tissolva. Ghaddew tlett (3) xhur u f'Marzu tal-elfejn u sitta (2006) kien ghadu ma rceviex risposta minghand Woman 2000. Cempel lil Carmen Vella izda nfurmatu li ma kien hemm xejn lest fil-kaz tieghu. Naturalment, Brian ma setghax jibqa' sejjer hekk ghal iktar tul ta' zmien u ghalhekk mar is-'salon' ma' ohtu Doreen Berry biex ikellem lil Mr. Robert Vella, izda l-impjegati nfurmawh li kien imsiefer. Mizzi baqa' jinsisti li ried ikellmu u sussegwentement dawn cemplulu. Kellmu bir-rabja u qallu li jekk il-problema ma kinitx ser tissolva, kien ser jinvolvi l-pulizija u tal-konsumatur. Fronte qallu biex ibaxxi lehnu u li kien ser isolvilu l-problema.

Fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 2006 rega' mar il-Woman 2000 fejn ha karta lil Roberto Fronte, liema karta hija mmarkata mill-Qorti bhala Dokument BM 3, li biha Fronte weghdu li ser isolvi l-problema fi zmien tlett (3) gimghat. L-attur qallu li ghas-somma li kien hallas ma kienx ha servizz professjonali, u huwa wiegbu li dan l-impjant kien bhal karozza, li ta' kull tant zmien irid il-'maintenance'. L-impjant xorta dam u wasal fil-bidu ta' Mejju tal-elfejn u sitta (2006), u l-impjant il-gdid ghal darb'ohra rega' wera l-istess difetti ghat-tielet darba. Ir-raguni li tah Mr. Robert Vella kienet li Brian kellu forma kranika partikolari u li qatt ma raw bhalha b'hekk kienu ha jergghu jibaghtu l-impjant il-laboratorju biex jaghmlu xi studji. Hawnhekk l-attur intebah li kien qed jipprova jghaddih biz-zmien u talbu l-flus lura.

L-impatt psikologiku kien kbir hafna ghaliex ma setghax jidra l-kambjament fl-apparenza tieghu u dahlet

ansjeta' minhabba li fuq il-post tax-xoghol in-nies kienu ser jindunaw b'dan il-kambjament. Tant affettwah fil-hazin dan il-fatt li kien ser jikkommetti suwicidju u ma rnexxiex ghax sabitu ommu fil-hin. Ittiehed mall-ewwel ghand il-psikjatra, Dr. Peter Muscat, li ppreskrivilu kors ta' kalmanti qawwijin ghad-dipressjoni li qabditu minhabba dak li gara mal-Woman 2000.

Ircieva telefonata minghand wahda mill-impjegati, li llum m'ghadhiex tahdem hemm, biex tara kif inhu, u qaltlu fuq it-telefon li dak il-hin kien hemm xhud Mr. Christopher Aguis, li kellu ragun ghaliex tal-Woman 2000 kienu jidhqu bin-nies. Peress li kien fi stat ta' dipressjoni u kien ghadu kif jghaddi minn trawma, ma kienx f'pozizzjoni li jiehu decizjonijiet w ghalhekk qabel li jhalli xi zmien jghaddi qabel ma jerga' jikkonfronta lil tal-Woman 2000. Robert Vella baqa ma' kkuntattjahx ghalhekk fis-sena elfejn u tmienja (2008) Mizzi baghtlu 'email' sabiex jara x'jista jsir, liema e-mail giet immarkata bhala Dokument BM 4 – BM 11. Iddecieda li ma jiehux passi biex igib flusu lura, izda li almenu jipprova jakkwista impjant tajjeb, u Robert Vella wiegbu li kellem lil Roberto Fronte u li l-attur seta' jerga' jibda l-procedura mill-bidu wara s-sajf tal-elfejn u tmienja (2008) u ffissa appuntament ghal Settembru. Mizzi kiteb ittra lit-Taljani, liema ittra mmarkata bhala Dokument BM 12, fejn fakkarhom dwar x'kien gara. Meta mar ghall-appuntament f'Settembru, Mr Robert Vella qallu li l-problema kienet gejja minhabba l-fatt li l-impjant kien zghir wisq, u li ghalkemm professjonisti, problema bhal dawn setghu jinqalghu. Din id-darba l-attur insista li ried jara l-impjant minn qabel sabiex jispejgalhom x'ried u x'kien hemm hazin. Ried ukoll 'samples' tal-kulur u tal-volum tax-xaghar ghax xtaq jordna fuq dak li jara, mhux bhal magazines bhall-ewwel darba. Ghamlulu appuntament iehor xahar wara ghaliex l-impjant kien ghadu ma wasalx izda kien lest jistenna l-aqwa li ma jergawx jirrepetu ruhhom dawk l-izbalji. Ra li Robert Vella ma kienx prezenti ghal dawn il-laqghat u nduna li kien qed jahsel idu mill-bicca tax-xoghol. Ghadda xahar iehor u l-impjant kien ghadu ma wasalx, pero' Fronte urieh is-'samples' u impjant ta' persuna ohra. Dan l-impjant Fronte qallu li kellu foltezza ta' mitt centimetru (100cm), izda l-attur wrieh li

ghamel zball ghaliex kien tmenin centimetru (80cm) folt. Kompla jikkonferma kif dan il-bniedem ma nbidilx u t-tgerfix tieghu baqghu ibaghtuh il-klijenti. Iddiskutew il-problema tal-bombatura u qallu li l-materjal inbidel b'hekk ma kellux ghalfejn jinkwieta. Il-qisien li hadet Ms. Vanessa Costa kienu differenti minn tal-ewwel darba, u dawn jidhru f'Dokumenti BM 13 u BM 14, rispettivament. Iddiskutew ukoll il-'punto rosetta' u l-volum tax-xaghar, u qabel ma telaq, informa lil Mr. Fronte quddiem ix-xhud Christopher Agius, u cioe' l-hairdresser tieghu li kien mar mieghu dakinhar, biex jikkonfermalu l-ghazla tieghu qabel jordna, u kiteb ukoll id-dettalji ta' din l-ordni. Talbu wkoll jaghtih kopja ta' l-ordni li saret fl-elfejn u hamsa (2005) u hu gablu bicca karta mghaffga bl-ahhar parti mqatta'. Mr. Fronte wieghdu li kien ser jikkuntattjah. Sa xahrejn wara ma' kien semgha' xejn. Rega' kiteb lil Mr. Vella u dan issuggerielu li ma jaghmilx l-impjant, u tah ir-ragunijiet tieghu, liema email hija esebita bhala Dokument BM 8. Ghadda xahar iehor u kien ghadu ma semgha xejn minghand Fronte u sussegwentement baghat 'email' direttament lilu fejn wissieh li ser jikkancella kollox ghaliex is-servizz kien ghadu hazin u ma kienx lest jerga' jghaddi mill-istess problemi, 'email' esebit bhala Dokument BM 10. Wara din l-e-mail, Fronte cempillu u b'rabja qallu li hu kien baghtlu 'email' izda milli jidher ma waslitlux, u li l-attur stess kien tah il-'go ahead' biex jordnalu. Mizzi wiegbu li kien ser jibda proceduri legali jekk ma jroddlux lura l-flus li kien hallas ghas-servizz hazin li tawh. Fronte qallu biex jaghmel talba permezz ta' e-mail ghar-rikjesta tieghu ghax ma setghax jinzel Malta ghall-Qorti, izda l-kumpanija xorta ma accettawx it-talba.

Ili nhar l-14 ta' Gunju 2012 xehed l-attur in kontro-ezami (fol. 114) u esebixxa kopja ta' reklam li huwa kien ra fuq it-television fejn in segwitu kien iffirma kuntratt mas-socjeta' konvenuta. Spjega li f'dan ir-reklam Dok S (fol. 115) ma hemm xejn x'jindika li s-servizz ser jinghata minn xi Taljani. Ikkonferma li l-ewwel inkontru li huwa kellu kien fl-ufficcju ta' Robert Vella li huwa Direttur tas-socjeta' konvenuta Carm & Co Ltd u qal li fl-e-mail datata 4 ta' Marzu 2009 esebita fl-atti a fol. 69 hemm ammissjoni ta' Robert Vella li tghid li Vella ghandu l-ishma f'dan in-

negozju. Ghalhekk jemmen li effettivament il-konvenut ircieva xi hlas minghand is-socjeta’ estera ghas-servizz moghti lilu. Spjega li t-trapjant ghamlu f’Dicembru 2008 u l-e-mail li pprezenta mmarkata bhala Dok BM8. Huwa ghamel referenza wkoll ghad-dokument esebit minnu mmarkat bhala Dok BM3 datat 31 ta’ Marzu 2006 fejn hemm miktub li Roberto Fronte ghan-nom tas-socjeta’ estera konvenuta kien lest li jhallsu lura l-flus li rcieva minghandu una volta ma jkunx kuntent bis-servizz.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom in-nota tar-Registratur tal-Qorti ta’ l-1 ta’ Gunju 2011 li permezz taghha huwa ipprezenta l-atti li l-attur kien baghat lis-socjeta’ konvenuta estera gewwa l-Italja fejn hemm indikat skond il-Corte di Appello Di Catania, li din is-socjeta m’ghandhiex topera u ghalhekk ma gietx notifikata bir-rikors promotur.

Rat dak li gie verbalizzat mil-avukat difensur ta’ l-attur fis-seduta tas-27 ta’ Setembru 2011 (fol. 49) fejn iddikjarat li nonostante li s-socjeta’ estera ma gietx notifikata bl-atti tghid li “*in-notifika li saret lil Carm & Co. Ltd u lil Robert David Vella ghandha tapplika wkoll ghas-socjeta konventua Cesare Ragazzi*.”

Rat dak li iddikjara Dr. Massimo Vella ghall-konvenuti Carm & Co. Ltd u Robert David Vella ‘*li huwa ma jaqbilx ma tali dikjarazzjoni’.*

**Doreen Berry** xehdet nhar id-disgha (9) ta’ Novembru 2011 u kkonfermat li hija tigi oht l-attur, Brian Mizzi. Tiftakar li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru 2005 kienet akkompanjat lil huha Brian Mizzi ghand il-Women 2000, il-Hamrun, sabiex jaghmel impjant. Effettivament, ikkonfermat li huwa kien diga’ mar qabel. Dakinhar pero’, meta kienet mieghu, lil huha dahhluh go kamra u hija baqghet barra tistenna fil-‘waiting room’. Qalet li gurnata jew tnejn wara li gie nstallat, l-impjant kien diga’ beda jiccaqlaq u l-qurriegha ma kinetx f’postha. Spjegat li waqt li poggew l-impjant f’ ras huha huma ma qaxxrulux xaghru u ghalhekk l-impjant beda jinqala’ minn taht. Qalet li l-effett kien wiehed fejn xaghru kien qisu qed “jibbouncja”

ghaliex dahal l-ilma taht l-impjant, u anke wara ftit granet il-kulur tax-xaghar beda' jigi hamrani. Marru lura il-hanut biex jghidulhom b'dak li gara u qalulhom li Mr. Robert Vella kien imsiefer. Ix-xhud u l-attur baqghu jinsistu li xtaqu jitkellmu mieghu, u sussegwentement cemplulu u kellmuh fuq it-telefon, l-ewwel kellmu Brian Mizzi u mbaghad kellimtu hi, u wrew dizappunt bit-trattament li kien ha l-attur. Mid-diskors li ntqal, fehmu li kien ser jitranga kollox u meta marru lura d-dar cemplu lil Roberto Fronte u qalulu b'dak li kien gara, u qalilhom li kollox kien jitranga fi zmien tlett gimghat pero' ma rcevew l-ebda telefonata lura minghandhom.

Spjegat li bhala konsegwenza ta' dan it-trattament hazin, Brian waqa' f'dipressjoni kbira u fil-fatt lanqas ghax-xoghol ma seta' jmur.  Fil-fatt huwa ghalliem u spicca li kwazi kull gimgha kellu jmur biex jirrangawlu xaghru, u taf li meta kienet tarah gimgha wara gimgha, ma kinetx tara l-ebda differenza anzi kienet tarah ghar. Sahansitra kellha takkumpanja lil huha ghand psikologa u psikjatra wkoll.

Mistoqsija min kien gol-kamra ma' huwha meta ghamel l-impjant, wiegbet li ma tafx u lanqas min ghamel l-impjant, pero' taf li Robert Vella kien prezenti. Qalet li l-Women 2000 qeghda tirrapprezenta lis-socjeta' Cesare Ragazzi fl-Italja, pero' taf li l-ftehim huha ghamlu ma' Robert Vella u l-flus lilu tahom. Kif tidhol fil-kwistjoni il-kumpanija Italjana ma tafx. Taf li huha kien iffirma kuntratt. Mistoqsija jekk kinetx rat dan il-kuntratt tghid li effettivament ratu u gharfet il-firma ta' huha.

**Robert Vella** xehed fid-disgha (9) ta' Novembru 2011 u kkonferma li la personalment, la f'isem is-socjeta' Carm & Co. Limited, u lanqas f'isem Women 2000, qatt ma kellhom repprezentanza legali tas-socjeta' Cesare Ragazzi. Huma kienu joffru biss l-'after sales services', fis-sens li wara li l-klijenti jkunu ghamlu l-impjant maghhom u jkollhom bzonn xi haga, kienu jmorru ghandhom. Huwa esebixxa dokument iffirmat mid-direttur ta' Casare Ragazzi li qed jigi mmarkat mil-Qorti bhala Dokument Z. Dan id-dokument jikkonferma dak li qal, u cioe' li huma qatt ma kellhom rapprezentanza tas-socjeta' Cesare

Ragazzi hawn Malta. Spjega li skont il-kamra tal-kummerc ta' Bologna din is-socjeta' Cesare Ragazzi illum tinsab fi stat ta' falliment. Huwa esebixxa dokument li jindika dan u gie mmarkat mil-Qorti bhala Dokument X.

Rat l-affidavit ta' **Christopher Aguis** pprezentat minn Dr. Anne Mifsud Bonnici nhar is-sebgha (7) ta' Frar 2012 fejn iddikjara li huwa jaghmel xoghol 'part-time' ta' 'hairdresser' u li l-attur kien mar ghandu f'Gunju tal-elfejn u hamsa (2005) bhas-soltu biex jaqtghalu xaghru. Qallu li ra xi reklam fuq stazzjon lokali tal-Woman 2000 dwar xi trattament tal-kura tax-xaghar, u kien thajjar jaghmlu peress li xaghru kienet qed tehfief. Qal li l-attur kien mar ghand il-Woman 2000, izda m'ghamlulu l-ebda trattament, pero' l-proprjetarju Robert Vella kien issuggerielu biex jaghmel trapjant li l-kumpanija Cesare Ragazzi kienu joffru fis-'salon' ta' Woman 2000. Skond hu, l-impjant kien jehel permanent mar-ras u kien jiswa tlett elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm3,800). Ix-xhud qal li hass li dik kienet somma kbira ghal trapjant tax-xaghar, u wara kollox, il-prodott finali ma kien xejn differenti minn parrokka.

F'Dicembru elfejn u hamsa (2005), Brian talbu parir dwar l-impjant li kien ghamel gimghatejn qabel. Ix-xhud mill-ewwel induna li x-xoghol li sar fuq l-attur kien goff u bi traskuragni, u ra li lanqas il-kulur ma qabel sew. Fil-fatt Brian Mizzi kien qal li hafna nies indunaw bil-bidla u din holqot ansjeta' kbira fih peress li anke beda jisma' xi kummenti fuq il-post tax-xoghol. Meta saqsa lill-attur jekk kienux ivverifikaw mieghu l-volum u l-kobor tal-impjant kif suppost, Mizzi wiegbu li kienu ordnawlu l-impjant minghajr ebda konsultazzjoni, u kull ma wrewh kienu rittratti biss, u lanqas mera ma poggew quddiemu meta hadulu l-qisien. Ix-xhud ra li l-impjant beda jinqala' u deherlu li ghall-flus li hallas kien haqqu xoghol ahjar. Difett iehor li ra kien li l-qurriegha kienet madwar erbgha centimetri (4cm) 'il fuq aktar minn fejn hi dik naturali, u r-raguni kienet li l-impjant kien zghir wisq ghal rasu. Innota wkoll li kien hemm hafna balal ta' 'tape', b'konsegwenza li partijiet kienu mqabbza l' barra u ohrajn le. Qal li s-servizz li taw Woman 2000 ma kienx professjonali, u holoq problemi u ansjeta' kbira lill-klijent. Wara gimgha li wahlulu t-tieni impjant, bdew jigru l-

istess affarijiet ta' l-ewwel wiehed. Sadanittant, ra li Brian kien ggrava iktar psikologikament, u barra mill-fatt li kien hallas somma kbira, kien ukoll qed jiehu kura minhabba d-dipressjoni. Wara xi zmien, Brian rega' nfurmah li kien ser jaghmel impjant ghat-tielet darba, izda rega' safa' difettuz. Brian ma felahx iktar u ried li jwaqqaf kollox. Kien anke semgha' li kien wasal biex inehhi hajtu b'idejh. Fis-sentejn ta' wara, Brian baqa' jmur ghand ix-xhud biex jaqtaghlu xaghru, u jghid li kien zmien difficli hafna ghalih ghaliex ried igib flusu lura imma fil-pozizzjoni li kien, ma setax jaffaccja l-Qorti. B'hekk wara xi zmien rega' prova jiehu impjant ahjar, u x-xhud issuggerielu li jaghmel kollox bil-miktub kif ukoll jara l-impjant qabel ma jordnah. Offrielu wkoll li jmur mieghu, fejn ghenu jaghzel il-kulur u l-volum tax-xaghar. Waqt li kien mal-attur ghand il-Woman 2000, ix-xhud kompla jikkonferma kemm ix-xoghol ma kienx professjonali, ghalkemm Roberto Fronte baqa' jishaq li kienu professjonisti u li kienu ser jiehdu hsieb lil Brian. Innota wkoll li lanqas fajls tal-klijenti ma kellhom, ghaliex meta Brian talab lil Fronte jtieh l-ordni tal-elfejn u hamsa (2005), kull ma tah kienet bicca karta bil-parti tal-ahhar imqatta'.

**Dr Peter Muscat** xehed nhar id**-**disgha w ghoxrin **(**29) ta' Marzu, 2012 u wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali tieghu mill-Qorti, ikkonferma li Brian Mizzi huwa pazzjent tieghu. Fil-fatt qal li kien mar jarah fid-disgha (9) ta' Mejju, 2006. Hu kien gie referut lilu minn psikologa Mariella Blackman. Ftakar li meta kien mar il-klinika tieghu kien akkumpanjat minn ohtu, qallu li huwa 'single', jghix wahdu pero' kellu relazzjoni. Qallu li kellu 'hair loss' ghal zmien twil u li f'Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005) kien ghamel 'hair transplant'. Qallu wkoll li din il-problema kienet ilha fuqu disa' snin u ma setax jaccetta is-sitwazzjoni. Din is-sitwazzjoni fil-fatt kienet taghmlu 'depressed', kien ikollu hafna dwejjaq kbar, tant li fil-fatt kien ikollu hafna hsibijiet ta' mewt u suwicidju. Qal li kellu '*self- esteem'* baxx hafna u li minn eta' zghira, skont ma qallu, kien ibaghti ghaliex kien ukoll naqra qawwi u kien ihossu ikrah.

Id-dionjasi tieghu kien li huwa kien qed ibghati minn *dismorpho phobia* u depressjoni. Qal li d-depressjoni

kienet giet awmentata minhabba dizappunt li kellu minhabba li l-‘hair transplant’ ma rnexxietx. Pero’ qal li d-depressjoni fil-kaz tieghu hija sekondarja ghal *dismorpho phobia*. Huwa ghalhekk tah anti-dipressiv medicinali u anti-obsessive ukoll, l-istess medicinali li jismu Seroxat u rega’ rah tlett (3) gimghat wara.

Meta rega’ mar qallu li f’dawk it-tlett (3) gimghat kien qed ihossu ftit ahjar, izda ma kienx qed jorqod tajjeb u b’hekk tah medicinali ohra li jisimha Noktamic u talbu jerga’ jmur jarah wara xi xahar. Pero’ jiftakar li kien mar jarah urgentement ma’ ohtu kif ukoll mal-‘partner’ tieghu fil-hamsa (5) ta’ Gunju, 2006. Dakinhar jaf li mar ghandu b’xaghru imqaxxar u qallu wkoll li pprova jaghmel suwicidju ghalhekk deherlu li kellu jaghtih xi medicinali ohra peress li hass li l-fissazzjoni li huwa kellu kienet qed tintensifika, u tah medicinali ohra.

L-ahhar darba li rah kien fit-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Gunju 2006, ghal darba ohra kien akkumpanjat minn ohtu, u kien jidher li kien qieghed jistabbilixxi ruhu, u qallu li kien waqqaf certu medicinali peress li hass xi ‘side effects’, ghalkemm kien kompla bis-Seroxat. Peress li rah li kien qed jidher ahjar qallu biex jibqa’ sejjer b’dik l’istess kura u tah appuntament ghal tlett (3) gimghat wara. Minn dakinhar l’hawn ma regax rah. Rah illum l-ewwel darba. Spjega li d-*dismorpho phobia* li kellu l-attur kienet persistenti ghal meta huwa fil-fatt ghamel il-‘hair transplant’. Ikkonferma wkoll li d-depressjoni tieghu kienet ezistenti qabel li sar l-‘hair transplant’. Kien propju ghalhekk li huwa kien ghamel il-‘hair transplant’, sabiex itejjeb id-dehra tieghu u jhossu ahjar. Mistoqsi jekk effettivament meta il-pazjent mar ghandu l-ewwel darba, staqsiehx jekk huwa kienx diga’ qed jiehu xi medicinali, jghid li fil-fatt staqsieh u qallu li kien qed jiehu Prosca, pero’ dawn ma kienux medicinali, izda kienu biss medicina biex isahhu ix-xaghar. Qallu wkoll li jiehu xi ‘energy drinks’ qabel imur il-gym. Ma kien qed jiehu xejn medicinali sabiex jindirzza id-depressjoni u d-*dismorpho phobia* li kellu. Ikkonkluda billi qal li dawn iz-zewg kundizzjonijiet li kellu ma kienux qed jigu trattati qabel. L-ahhar darba li rah, ghandu notament li kien ‘stabilizing’,

jigifieri li kien ghamel progress pero' li ma kienx ghadu fieq, u kien ghalhekk li jien rega' tah  appuntament izda ma zammux.

Semghet ix-xhieda ta' **Robert Vella** nhar l-10 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' Carm & Co Limited, business ta' Health and Beauty u ghandhom hanut gewwa l-Hamrun, Misrah 7 ta' Gunju, Hamrun li qabel kien jismu Women 2000 u illum jismu New. Id-direttur kien ghamel kuntatt mas-socjeta' gewwa l-Italja, waqt fiera li hu kien prezenti ghaliha u l-kumpanija jisimha Cesare Ragazzi SpA.  Tenna li din il-kumpanija taghmel protesi tax-xaghar u jbieghu affarijiet accillari ma' dan l-istess xoghol. Ix-xhud wera x-xewqa li jiehu l-agenzjia taghhom pero' huma irrifjutaw ghaliex is-suq ta' Malta huwa wiehed zghir pero' wiehed mir-raprezentanti taghhom ta' Catania accetta li jigi hawn Malta u jopera ghal rasu gewwa il-premises taghhom. L-interess taghhom kien li jiehdu l-after sales tat-tali operazzjonijiet, per ezempju hair cutting, u kulur tax-xaghar u affarijiet bhal dawn. Fil-fatt effettivament dan in-negozju beda' jahdem u dan it-taljan beda jigi Malta b'mod regolari. Huwa jaghmel l-operazzjoni u s-socjeta' konvenuta taghmel is-servizzi ta' wara. Operazzjoni fis-sens ta' procedura fir-ras. U ghalhekk in-negozju beda isir bejn l-individwu u t-taljan direttament gewwa il-premises tas-socjeta' konvenuta. Qal li l-klijenti gieli kienu jiltaqghu fil-hanut u gieli gewwa l-lukanda. Ftakar li Brian Mizzi kien ghamel kuntatt mal-hanut taghhom u kien talabhom xi informazzjoni, jaf li fil-bidu kien kellmu hu, offrielu xi treatments  u xi shampoos, pero' huwa insista li ma riedx dawn il-prodotti, u xtaq li jkollu xaghru mimli. Vella qallu li ma joffrux dan is-servizz, pero' qallu li seta' joffrilu il-kuntatti li kellu ma' dan it-taljan u jikkomunika hu mieghu direttament. Jaf li eventwalment l-attur xtara minghandu xi prodott, u sahansitra ghamel xi kunratt direttament mieghu, liema kuntratt jinsab inserit fl-atti u mmarkat bhala dokument C a fol 15 u 16 tal-process. F'dan id-dokument la l-kumpanija tieghu u lanqas hu ma jidhrux fuqu. Il-prezzijiet gew miftehma bejn il-partijiet li ffirmaw dan il-kuntratt. Qal li ma rcieva l-ebda hlas fuq dan il-kuntratt. Fil-fatt dan jista' jigi vverifikat mic-cekkijiet li

effettivament thallsu. L-implant sar mil-impjegati tad-ditta taljana, it-trattament pero' sar gewwa Woman 2000. Ftakar li l-klijent pero' ma kienx kuntent bis-servizz li nghata, ohtu kienet qed iccempel u tghidlu biex jiehdu hsiebu peress li kien qed ihossu down u mhux kuntent. Jaf li fil-fatt ohtu kienet taghmel komunika maghhom, u li l-attur beda jhossu depressed hafna u sussegwentament jaf ukoll li spicca qaxxar xaghru u ried li jaghmlulu xi ordni ohra. Tenna li hu m'ghandux x'jaqsam mieghu ghaliex id-dealings ta' l-attur kienu diretti mat-taljan. Gie muri dokument a fol 64 immarkat bhala dokument BM3 u ddikjara li dan id-dokument l-ewwel darba li rah kien il-Qorti, u qal li ma kellu xejn x'jaqsam mieghu assolutament. Zied jghid li Brian Mizzi kien staqsieh fejn wasal ix-xoghol u x-xhud cempel lit-taljani u staqsihom, u dawk l-emails jirrelataw ghal dak. Ikkonkluda billi jghid li l-hlasijiet li ghamel Brian Mizzi ghamilhom direttament lit-taljan, u li Brian Mizzi jitkellem tajjeb bit-taljan u kellu komunikazzjoni tajba.

In kontro-ezami nhar il-5 ta' Lulju 2012 ikkonferma li huma ma jaghtu l-edba servizzi. Ibieghu biss shampoos, lotions u affarijiet simili bhal dawn. Il-protezi tinbiegh mill-firmatarju tal-kuntratt u l-kuntratt mhux dejjem isir mieghu. Jista' jkun li jsir direttament ma' l-ufficcju gewwa Sqallija tramite il-website taghhom. Tenna li ma kienx ikun dejjem prezenti ghall-laqghat li l-attur kien ikollu ghalkemm gieli saru fl-ufficcju tieghu.

Dan il-kaz jiftakru sew u qal li l-attur kien cempel l-ufficcju tieghu u kien spjegalu dak li joffru huma bhala shampoos, lotions izda huwa ma kienx interessat fihom ried servizz iehor u kien offriehlu li setgha jlaqqghu mar-rapprezentant Taljan u jaghmillu appuntament. Qal li l-attur hekk xtaq u fil-fatt ghamillu appuntament u x'aktarx il-kuntratt tieghu esebit fl-atti a fol. 64 immarkat bhala Dok BM3 gie iffirmat fl-ufficcju tieghu ghalkemm huwa mhux firmatarju tieghu.

Spjega li huwa joffri l-ufficcini tieghu sabiex wara ikunu jistghu jintuzaw bhala *after sales.* L-attur kien cempel fl-ufficcju tieghu diversi drabi u dejjem qdewh mill-ahjar li

setghu tant li anke servizzi b'xejn tawh. Ikkonferma li mill-flus li l-attur ta lis-socjeta' estera huwa ma ha xejn u cahad li qatt ircieva xi flus minghand l-attur. Ikkonferma li l-attur kien hallas permezz ta' zewg cekkijiet ghas-servizz li kien ha u dawn qatt ma gew intestati lilu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur Brian Mizzi pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Awwissu 2012 u n-nota responsiva tal-konvenuti Robert David Vella u s-socjeta' Carm & Co Ltd ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Awwissu 2012.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-attur kien ghamel trapjant tax-xaghar wara li kien iffirma kuntratt nhar it-23 ta' Gunju 2005 fl-ufficcju tal-konvenut Robert Vella ma' certu Roberto Fronte ghan-nom tas-socjeta' Cesare Ragazzi SPA skond id-dokument esebit u mmarkat bhala Dok C a fol. 8 tal-atti. Jirrizulta li kien l-ewwel iltaqa' mal-konvenut Robert Vella li kien introducih ma' Roberto Fronte u li in segwitu ghat-trapjant li ghamel kien imur fl-ufficcini tal-konvenut Robert Vella gewwa Women 2000 il-Hamrun ghal diskussjonijiet sabiex jipprova jirrimedja dak li kien ghamillu it-Taljan ghaliex ma kienx kuntent bis-servizz li nghata. Jirrizulta wkoll li bhala rizultat ta' dan it-trapjant li ma irnexxiex, l-attur sofra danni kemm materjali kif ukoll psikologici ghalkemm jirrizulta li l-attur diga' kellu xi problemi psikjatrici minn qabel li sar it-trapjant u pprezenta din il-kawza kontra l-konvenuti sabiex jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minnu.

Il-konvenuti Robert Vella u s-socjeta' Carm & Co. Ltd eccepew fl-ewwel eccezzjoni taghhom li huma m'humiex l-legittimi kontradditturi tal-attur peres illi huma ma ghamlu l-ebda trapjant fuq ras l-attur u ghaldaqstant m'ghandhom l-ebda rapport kontrattwali mieghu. Waqt li s-socjeta' konvenuta Cesare Ragazzi SpA qatt ma giet notifikata b'dawn il-proceduri u ghalhekk ma pprezentatat l-ebda risposta u konsegwentment ma ghandu jkun hemm l-ebda gudizzju fil-konfront taghha a bazi tal-provi mismugha.

**Kunsiderazjonijiet legali.**

Illi qabel ma l-Qorti ser tiddiskuti il-mertu tal-kawza ghandha l-ewwel tindirizza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Vella u s-socjeta' Carm & Co. Ltd li huma m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghandhom daqstant jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik l-qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bil fors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur,* holoq *(sottolinear ta din il-Qorti ) ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l- Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet,*

*tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata. "*

Kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**Maria Concetta Stivala, Giovanna Dolores Stivala, u Giuseppa Dolores Stivala vs Pierre Buttigieg u Legend Real Estate Ltd'** deciza fit-22 ta Jannar 2010:

*"B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f' sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha;"*

Issa f'dan il-kaz l-attur stess jaqbel li l-kuntratt li ffirma kien ma' Roberto Fronte ghan-nom tas-socjeta' estera Cesare Ragazzi SpA u li l-konvenut Robert David Vella ma hux firmatarju fuq dan il-kuntratt li holoq l-obbligazzjoni bejn l-attur u is-socjeta' estera Cesare Ragazzi SpA. Dan il-ftehim m'hu xejn hlief *res inter alios acta* u jifforma ligi bejn il-partijiet li iffirmawh.

Illi skond is-sentenza **'Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna'** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 u '**Anthony Caruana et vs John Magro et',** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Otubru 1999 gie ritenut li:

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor..'*

Fis-sentenza '**John Vella noe vs Anthony Vella et'** deciza mill-Qorti ta' l- Appell nhar it-3 ta Dicembru 1999 inghad li:

‘*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta’ attrici kellu jirrileva b’mod car u univoku illi f’dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta’ attrici f’dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita’ ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.’*

Illi minn ezami tad-dokumenti kollha jirrizulta is-segwenti:

*1.* Il-kuntratt tat-trapjant gie iffirmat bejn l-attur u Roberto Fronte ghan-nom tas-socjeta’ estera Cesare Ragazzi SpA nhar il-23 ta’ Gunju 2005 (Dok C) a fol. 8.

*2.* Il-hlas ghas-servizz li nghata sar lil Roberto Fronte ghan-nom tas-socjeta’ Cesare Ragazzi SpA permezz ta’ zewg cekkijiet intestati lilu.

*3.* Roberto Fronte ffirma dikjarazzjoni nhar il-31 ta’ Marzu 2006 esebita mill-attur stess a fol. 4 u mmarkata bhala Dok BM3 fejn obbliga ruhu li jwahhal impjant iehor lill-attur u jibqa’ responsabbli sakemm jirrisolvi l-problema.

*4.* L-attur kien konxju li l-appuntamenti kien qed jaghmilhom ma’ Roberto Fronte tramite l-konvenut Robert Vella kif jirrizulta mill-e-mail datata 22 ta’ Settembru 2008 mibghuta minnu stess lill-konvenut Robert Vella .

*5.* Li l-attur kien konxju li anke it-tieni impjant li kellha tirranga l-ewwel impjant kellu jsir minn Roberto Fronte kif jirrizulta minn e-mail mibghuta minnu lill-konvenut Robert Vella nhar l-24 ta’ Frar 2009. F’din l-e-mail l-istess attur jghid li Roberto Fronte kien qallu li “*prior to ordering he will consult with laboratory regarding the new implant and thereof give me a confirmation and the details when the implant will be ready…”*

*6.* L-attur stess a fol. 68 Dok BM7 fl-e-mail li baghat lill-konvenut jaghmel referenza ghall-impjant li saritlu minn Cesare Ragazzi.

*7.* Il-konvenut Robert Vella f’e-mail tieghu tal-4 ta’ Marzu 2009 esebita mill-attur stess a fol. 69 jghid li hija s-socjeta’ konvenuta Cesare Ragazzi li timmanifattura l-impjanti u huwa mhux xi firmatarju ta’ din is-socjeta’.

*8.* L-istess attur f’e-mail tieghu tad-9 ta Marzu 2009 esebita minnu stess a fol. 71 Dok BM9 jirrikonoxxi li s-servizz inghata minn Robeto Fronte ghan-nom tas-socjeta’ estera Cesare Ragazzi u jghidlu li mhux kuntent bis-servizz tieghu u li qed jidhaq bih. Imkien ma jaghmel referenza ghas-socjeta’ Carm & Co. Ltd jew ghall-konvenut Robert Vella.
*9.* L-attur ukoll ipprezenta e-mail li huwa rcieva minghand Roberto Fronte nhar it-13 ta’ Marzu 2009 fejn dan ghamillu referenza ghal rikjesta tieghu li jigi rimborsat ta’ l-isejjez li nkorra in konnessjoni ma’ dan it-trapjant u s-socjeta’ Cesare Ragazzi irreferieh ghall-avukat taghhom. Fl-ebda hin ma qallu li hija s-socjeta’ konventua Carm & Co. Ltd jew Robert Vella li huwa responsabbli ghal dan l-allegat nuqqas.
*10.* A fol. 74 tal-atti Dok BM 12 jirrizulta li l-ilmenti li kellu l-attur kienu versati kontra is-socjeta’ estera Cesare Ragazzi u mhux kontra l-konvenuti l-ohra u ghalhekk dan kollu jikkonferma li r-relazzjoni li huwa kellu in konessjoni ma’ dan it-trapjant ma kien ma hadd aktar salv mas-socjeta’ estera Cesare Ragazzi.
*11.* Id-dokument immarkat bhala Dok BM 13 miktub fuq *letter head* tas-socjeta’ konvenuta Cesare Ragazzi tindika id-disinn tat-trapjant li kellu jigi imwahhal fuq ras l-attur.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li r-relazzjoni li kellu l-attur kienet mas-socjeta’ estera Cesare Ragazzi u mhux mas-socjeta’ konventua Carm & Co. Ltd u l-konvenut Robert David Vella.

L-attur jghid li l-konvenut Robert Vella kien jircievi xi hlas minghand is-socjeta’ estera Cesare Ragazzi tas-servizz li kienet taghti lill-klijenti u dan a bazi ta’ dak li hemm miktub fl-e-mail esebita fl-atti a fol. 69 miktuba mill-istess Robert Vella. Minn ezami ta’ din l email jirrizulta li l-konvenut Robert Vella ex admissis jghid “ *..Also just for your information I would like to let you know that our share from the price you paid is minimal and certainly are less than what deserved for all the hassle*.” Illi minn dan jirrizulta u m’hemmx dubju dwar dan li bejn is-socjeta’ estera Cesare Ragazzi u l-konvenut kien hemm relazzjoni

kummercjali u zgur li s-socjeta’ estera kienet thallas lill-konvenut Robert Vella jew is-socjeta’ Carm & Co Limtied ghall-uzu tal-hanut jew ufficcini taghhom jew sabiex johdulu l-appuntamenti pero’ dan il-fatt wahdu *ut sic* ma jistabilixxix relazzjoni guridika bejn l-attur u dawn il-konvenuti. F’dan ir-rigward ir-relazzjoni ta’ l-attur tibqa’ biss mas-socjeta’ estera Cesare Ragazzi independentement mir-relazzjoni li kien hemm bejn l-konvenuti Carm & Co. Ltd u l-konvenut Robert David Vella.

Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Robert Vella u is-socjeta’ Carm & Co. Ltd u tiddikjara li m’humiex l-legittimi kontraditturi ta’ l-attur u konsegwentement ser tieqaf hawn u mhix ser tidhol dwar il-kwistjoni ta’ danni allegatament sofferti mill-attur stante li jekk jirrizulta li l-attur sofra xi danni, xorta m’humiex dawn il-konvenuti li jridu jaghmlu tajjeb ghalihom izda semmai is-socjeta’ estera Cesare Ragazzi SpA li ma gietx notifikata f’dawn il-proceduri odjerni.

**Ghalhekk, din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti Robert David Vella u s-socjeta’ konvenuta Carm & Co. Ltd m’humiex il-legittimu kontraditturi ta’ l-attur u ghalhekk qed tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju. Peress illi s-socjeta’ konvenuta Cesare Ragazzi SpA ma gietx notifikata bir-rikors promotur mhix ser taghti gudizzju fil-konfront taghha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront taghha.**

**L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu kollha sopportati mill-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------